MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2007

Numru 263/2004

Il-Pulizija
(Spettur Pierre Micallef Grimaud)

vs

Louis Mallia

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat Louis Mallia detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 319068M, akkuzat talli:

1. fil-25 ta’ Marzu 2004, fil-Belt Valletta, minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Josephine Farrugia, u dan bi ksur tal-artikolu 214, 215 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess jum u/jew fil-granet ta’ qabel, xjentement xtara jew laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reati sew jekk dan sar Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod iehor indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt Lira Maltin, u dan sar bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. li wara li kien ikkundannat f’Malta ghas-serq jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta’ ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew skassar ta’ serraturi, minghajr ma kien sodisfatt l-iskop legittimu li kienu jinsabu ghandu, u dan bi ksur tal-Artikolu 287 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. li sar recidiv u ikkommetta reat fil-perjodu operattiv ta’ sentenzi sospizi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati u dan ai termini tal-Artikolu 28, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mahruga mill-Avukat Generali ai termini ta’ liema baghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti salb li “tisma l-provi li fadal inkluz il-fedina penali aggornata”.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi trattata sommarjament.

Semghet ix-xhieda kollha inkluz l-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tal-artikoli mahruga mill-Avukat Generali l-akkuzi kontra l-imputat jippotizaw l-offiza gravi fuq il-persuna, ir-ricettazzjoni, il-pussess mhux gustifikat ta’ refurtiva, u r-recidiva kompriza r-recidiva f’serq.

Illi l-fatti li waslu sabiex l-imputat jigi akkuzat bir-reati odjerni huma li fil-25 ta’ Marzu 2004 dahal rapport ghand il-Pulizija minn certa Josephine Farrugia li rrapurtat li kienet soffriet feriti konsegwenza ta’ aggressjoni mill-imputat. Fil-waqt li l-Pulizija accedew fuq il-lok (precizament fil-Kamerata l-Belt) fejn allegatament saret l-

aggressjoni, twaqqaf l-imputat, li f''havarsack' li kien qed igorr instab fih oggetti konsistenti f'tlett tornaviti, mqass, torca, sikkina, lieva hamra, 'sandwich toaster', u zewg kaxxi kontenenti 'costume jewellery'.

Illi a propositu dawn l-oggetti jirrizulta li s-'sandwich toaster' u zewg kaxxi kontenenti l-'costume jewellery' kienu fil-gurnata precedenti nsterqu minn vettura pparkeggja propju l-Belt gewwa Triq San Kristoferu. Kien insteraq ukoll vazun li nstab fost affarijiet ohra, komprizi dawk gia' imsemmija, ghand l-imsemmija Farrugia li jirrizulta kienu naghtaw mill-imputat sabiex izzommhomlu.

Illi dwar il-ferita gravi jirrizulta li hi tikkonsisti f'ferita fuq ix-xoffa ta' fuq. Dwar jekk tikkwalifikax bhala gravi l-Qorti ikkonstatat, anke 'icto occuli', li l-marka hija kemm xejn visibbli u kwindi tista' tiskarta li hija klassifikabbli bhala gravi izda certament tezisti l-ferita semplici.

Illi dwar ir-refurtiva huwa fatt pruvat li nstabu ghand l-imputat oggetti li kienu oggett ta' serqa minn vettura fil-gurnata precedenti. Ai termini tar-rinviju pero' l-imputat mhux qieghed jigi akkuzat b'serq izda b'ricettazzjoni u fir-rigward il-Qorti ssib li din l-akkuza tinsab pruvata in mankanza ta' spjegazzjoni oggettivament kredibbli mill-imputat.

Illi tirrizulta wkoll l-offiza dedotta taht l-Artikolu 287 tal-Kap 9 fir-rigward "l-ghodod tajbin ghal ftuh jew zgassar ta' serraturi" li nstabu ghand l-imputat u li taghhom l-istess imputat naqas li jaghti "kont sodisfacjenti ghal liema skop legittimu" kienu jinstabu ghandu.

Illi, dwar ir-recidiva u li r-reati li bihom qieghed jigi akkuzat l-imputat gew kommessi waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, ukoll jirrizultaw.

Rigward il-piena rat l-antecedenti tal-imputat u l-Artikolu 221, 334, 284, 285, 287, 289, 17, 31, 49 u 50 tal-Kap 9 u tikkundannah erba' xhur prigunerija.

Rat ukoll is-sentenza esebita dwar l-ahhar akkuza u billi jirrizulta minna li l-imputat inghata sentenza effettiva ta' habs u ghalhekk din l-akkuza sakemm tikkoncerna li r-reat sar waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ma tirrizultax.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------